# WARA 95 SENA, VILLA FRERE TERĠA' TAGĦMILHA FUQ IR-RIVISTA PRESTIĠJUŻA COUNTRY LIFE

**Stqarrija | 10 ta' Jannar 2025**

**Wara 95 sena, Villa Frere terġa' tagħmilha fuq ir-rivista prestiġjuża Country Life**

Il-ġmiel u s-seħer ta' Villa Frere wasslu biex mill-ġdid wara 95 sena, il-pubblikazzjoni prestiġjuża Ingliża Country Life ppubblikat artiklu twil imżewwaq b'ritratti sbieħ dwar Villa Frere u l-ġonna tagħha.

L-artiklu jitfa' dawl fuq il-ħidma li saret fl-aħħar snin minn għadd ta' voluntieri ddedikati li waqqfu l-għaqda Friends of Villa Frere f'Ġunju tal-2013. L-għan ewlieni tagħhom kien li jippruvaw isalvaw dak li kien fadal mill-ġonna storiċi u, fejn hu possibbli, jirrestawrawhom b'mod li jiġu jixbhu kif kienu fl-imgħoddi.

Matul is-snin wara t-twaqqif tal-għaqda Friends of Villa Frere seħħew diversi żviluppi pożittivi, fosthom ftehim ma' Heritage Malta fl-2019. L-aġenzija nazzjonali saret is-sid uffiċjali ta' din il-proprjetà, iżda għaddiet l-amministrazzjoni f'idejn Friends of Villa Frere, u qed tgħin direttament fil-ħarsien tal-post. Barra minn hekk, sar ukoll skedar ta' Grad 1 għal Villa Frere u l-ġonna tagħha mill-Awtorità tal-Ippjanar fl-2020. Dawn, flimkien mal-ftuħ tal-ġonna għall-pubbliku minn żmien għal ieħor, għenu biex joktor l-għarfien dwar l-importanza storika u kulturali ta' Villa Frere

L-ewwel artiklu dwar il-villa fuq din ir-rivista kien ippubblikat fl-1930 u kien l-ewwel ġnien Malti ngħata dan il-ġieħ.

Aqra l-artiklu hawn: Villa Frere: The centuries-old garden created by an English diplomat, reclaimed by Nature, and now once again restored by Man - Country Life

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta